MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 533/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**1. F.B.D. Limited (C 26803)**

**2. Maria Dolores Grech (K.I. numru 66543 (M))**

**3. Alexia Camenzuli (K.I. numru 234878 (M)), u**

**4. Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago (K.I. numru 411867 (M) u 45969 (M))**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Bank of Valletta p.l.c. datat 26 ta’ Mejju 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela, datat 30 ta’ Jannar 2001 (Dok “A”), u permezz ta’ skrittura privata datata 23 ta’ Jannar 2001 (Dok “B”) is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` F.B.D. Limited, qabel maghrufa bhala Air Vision Home Center Limited.

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` F.B.D. Limited fis-somma ta’ disgha u tletin elf u hamsin u sittin ewro u sitt centezmi (€39,065.06) bilanc ghad-debitu fl-“*Overdraft Account*” tas-socjeta` F.B.D. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C 1” sa “C 5”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta’ Marzu 2010 sad-data tal-effetiiv pagament.

Illi permezz tal-kuntratt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela, datat 30 ta’ Jannar 2001 (Dok “A”), il-konvenuta Maria Dolores Grech iggarantiet flimkien u “*in solidum*” mas-socjeta` F.B.D. Limited, qabel maghrufa bhala Air Vison Home Center Limited, a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta` F.B.D. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz tal-kuntratt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela, datat 30 ta’ Jannar 2001 (Dok “A”), il-konvenuta Alexia Camenzuli iggarantiet flimkien u “*in solidum*” mas-socjeta` F.B.D. Limited, qabel maghrufa bhala Air Vison Home Center Limited, a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta` F.B.D. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz tal-kuntratt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela, datat 30 ta’ Jannar 2001 (Dok “A”), il-konvenuta Alexia Camenzuli iggarantiet flimkien u “in solidum” mas-socjeta` F.B.D. Limited, qabel maghrufa bhala Air Vison Home Center Limited, a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta` F.B.D. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz tal-kuntratt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela, datat 30 ta' Jannar 2001 (Dok "A"), u kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Jannar 2001 (Dok "B") il-konvenuti Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago ggarantew flimkien u "*in solidum*" mas-socjeta` F.B.D. Limited, qabel maghrufa bhala Air Vison Home Center Limited, a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta` F.B.D. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala dokumenti "A" u "B",) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` F.B.D. Limited, Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago.

a. naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura.

b. kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew,

c. hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta` F.B.D. Limited, Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u Christopher u Maria armla mizzewgin Drago li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali datati 25 ta' Awwissu 2009 li kopji taghhom qed jigu ezebiti u mmarkati Dok "D", "E", "F" u "G" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (ezibit bhala dokumenti “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` F.B.D. Limited, Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f’ obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta` F.B.D. Limited, Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta` F.B.D. Limited, Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disgha u tletin elf u hamsa u sittin ewro u sitt centezmi (€39,065.06) bilanc ghad-debitu fl-“*Overdraft Account*” tas-socjeta` F.B.D. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C 1” sa “C 5”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta’ Marzu 2010 sad-data tal-effetiiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-erba’ ittri ufficjali datati 25 ta’ Awwissu 2009 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni, kif ukoll minghajr pregudizzju u bir-riserva ghall-pretensjonijiet ohra tal-attrici kontra l-konvenuti Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 *et sequitur* tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2010.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli datata 5 ta’ Lulju 2010 a fol. 53 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-konvenut principali f'din il-kawza hija s-socjeta' F.B.D. Limited (C 26803) billi kienet l-istess socjeta' li applikat ghall-facilita` tal-*overdraft* mas-socjeta` attrici kif jixhed il-kuntratt ta' *Overdraft u Suretyship* datat 30 ta' Jannar 2001, u sottomess lil din l-Onorabbli Qorti bhala Dokument "A" mar-rikors tal-istess socjeta' attrici.

2. Illi fit-tieni lok, ma saret l-ebda talba mis-socjeta` attrici, sabiex jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti l-ammont li qed tippretendi illi huwa qabel xejn dovut mis-socjeta` F.B.D. Limited.

3. Illi ghalhekk, qabel xejn, irid jigi determinat illi F.B.D. Limited apparti s-sueccepit, kisret obbligi principali illi hija ghamlet mas-socjeta` rikorrenti.

4. Illi skont l-imsemmi Dokument "A", F.B.D. Limited iggarantixxiet l-*overdraft* imsemmi b'ipoteka generali fuq il-proprjeta` kollha taghha prezenti u futuri.

5. Illi l-imsemmija F.B.D Limited hija proprjeta` kongunta ugwalment tas-Sur Christopher Drago (ID. 411867 (M)) u martu Maria Carla Drago (ID 45969 (M)); ghandha d-Diretturi taghha l-imsemmijin konjugi Drago, u bil-kapacitajiet tar-Rapprezentant Legali u Gudizzjarju kif ukoll dik tas-Segretarju tal-Kumpanija vestiti fis-Sur Drago wkoll.

6. Illi skont l-imsemmi Dokument "A", l-istess Christopher Drago u martu Maria Carla Drago fil-kapacita` taghhom bhala garanti, iggarantixxew l-*overdraft* ukoll l-imsemmi b'ipoteka generali fuq il-proprjeta` kollha taghhom prezenti u futuri.

7. Ghaldaqstant jezistu garanziji ohrajn moghtija favur is-socjeta` rikorrenti minn FBD Limited, u Christopher Drago u Carla Drago, sabiex jaghmlu tajjeb ghall-kwalunkwe ammonti li allegatament huma dovuti lis-socjeta` attrici.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-lista tax-xhieda ta’ Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli a fol. 55 tal-process.

Rat illi l-intimata socjeta` F.B.D. Limited, u l-intimati l-ohra Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago minkejja li gew notifikati bl-avviz tas-smigh fid-16 ta’ Settembru 2010 kif jidher *a fol tergo* 78 baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta guramentata u lanqas dehru fil-kawza, u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta’ Jannar 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Dominic Cassar ghas-socjeta` attrici. Il-Qorti rrilevat li fil-verbal tad-19 ta’ Ottubru 2010 Dr. Cassar kien iddikjara li l-provi tieghu huma maghluqa. Il-konvenuti kollha nkluzi Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u d-difensur taghhom imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti nnutat li l-konvenuti ma pprezentawx l-affidavits taghhom u lanqas ressqu ebda tip ta’ xhieda u lanqas dehru llum. Il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta mill-provi li l-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati peress li l-intimati kollha baqghu inadempjenti u ma ghamlux il-pagamenti li huma kienu obbligati li jaghmlu abbazi tal-kuntratti u skritturi minnhom iffirmati sabiex hadu l-facilitajiet bankarji minghand is-socjeta` attrici kollox kif indikat fir-rikors guramentat. Jirrizulta li tali pagamenti hekk pattwiti baqghu ma sarux minkejja li l-istess intimati gew interpellati anke ufficjalment permezz

ta' erba' ittri ufficjali datati 25 ta' Awwissu 2009. Jirrizulta li l-posizzjoni baqghet l-istess sal-gurnata tallum b'dan ghalhekk li *se mai* s-sitwazzjoni tal-istess intimati kompliet tiggrava hekk kif jirrizulta anke mix-xhieda ta' Charles Massa u mid-dokumenti esebiti mill-istess socjeta` attrici. Filfatt jista' jinghad li l-provi prodotti mis-socjeta` attrici f'dan ir-rigward ma gew bl-ebda mod kontradetti ghaliex lanqas il-konvenuti li ma baqghux kontumaci lanqas ittentaw sabiex iressqu xhieda biex b'xi mod jikkontastraw l-istess provi attrici.

Illi dwar ir-risposta guramentata tal-intimati Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli jinghad li din bl-ebda mod ma hija ta` ostakolu sabiex jintlaqghu t-talbiet tas-socjeta` attrici, u fuq kollox l-istess bl-ebda mod ma tikkontrasta l-fatt li l-intimati fil-kwalita` taghhom rispettivament premessa naqsu milli jaghmlu l-pagamenti jew josservaw l-obbligazzjonijiet taghhom skont l-obbligi rispettivi taghhom assunti *vis a vis* il-bank attur. Ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta F.B.D. Limited u ta' Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago u filwaqt li tichad ir-risposta guramentata tal-intimati Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli datata 5 ta' Lulju 2010 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' it-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (ezebiti bhala dokumenti "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` F.B.D. Limited, Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f' obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura

sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta` F.B.D. Limited, Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta` F.B.D. Limited, Maria Dolores Grech, Alexia Camenzuli u Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' disgha u tletin elf u hamsa u sittin ewro u sitt centezmi (€39,065.06) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" tas-socjeta` F.B.D. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C 1" sa "C 5") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Marzu 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-erba' ittra ufficjali datati 25 ta' Awwissu 2009 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------